## *Kitba Dokumentata dwar id-Devozzjoni Kbira li l-Antenati tagħna kellhom lejn il-Madonna tar-Rużarju Mqaddes u l-Fratellanza tagħha fil-Parroċċa Arċimatriċi u Arċipretali ta' Sidtna Marija tal-Gudja*

**LEGAT MAGRI BERNARDA**

Bernardina Magri, b'att tan-Nutar Tumas Magri, fit-8 ta' Diċembru 1725, ħalliet b'testment fuq il-għalqa tal-Gudja, iċ-ċens ta' seba' (7) skudi fis-sena, sabiex il-Prokuratur tal-Fratellanza tas-SSmu. RUŻARJU tal-Gudja, li b'ħames (5) skudi minnhom jagħmel tletin (30) quddiesa fis-sena u skud iżomm għall-Fratellanza.

**LEGAT SCHEMBRI ANDREA**

Andrea Schembri, fit-testment tiegħu, f'atti tan-Nutar Mario Antonio Brincat tat-28 ta' Novembru 1726, ordna li, mill-frott ta' l-għalqa tiegħu, fil-limiti tal-Gudja, jiġu maqtugħin għaxar (10) skudi, sabiex minnhom disa' (9) skudi jsiru quddies baxx biex jitqaddsu fl-Artal tar-Rużarju tal-Gudja, kull nhar ta' Sibt u skud l-ieħor imur għall-Fratellanza.

**LEGAT ZAMIMT GRAZIA**

Grazia, armla ta' Anġelo Zammit, bit-testment tagħha fl-atti tan-Nutar Feliċ Camenzuli, ħalliet il-Kapital ta' mitt (100) skud lill-Fratellanza tas-SSmu. Rużarju tal-Gudja, sabiex bl-imgħax tiegħu ssir Quddiesa Kantata, fil-festatal-patroċinju ta' Marija Santissima u, oħra fil-Festa Tagħha taħt it-titolu "TAL-WARD".
Il-kuntratt sar fil-11 ta' ġunju 1877 fl-atti tan-Nutar Ġanni Calleja Schembri, b'reskritt ta' abilitazzjoni mogħti mill-Eċċz. Tiegħu Revma. Mons. Pace Forno fil-15 ta' Mejju 1877, wara rikors ta' l-Amministratur u oħrajn, il-Wisq Revdu. Dun P.P. Borg Debono, deputat għal dan il-kuntratt impjega li dan il-kapital ta' mitt (100) skud restitwibbli sa għaxar (10) snin, bl-imgħax ta' tlieta (3) fil-mija lill-Veneranda Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Fil-21 ta 'April 1883 l-imsemmi W.R. P.P. Borg Debono, bħala Prokuratur tal-Fratellanza tal-Karmnu tal-Belt, ħallas skud, disa' tari, u sittax-il ħabba imgħax ta' seba' (7) xhur u sittax (16) il-ġurnata u rrestitwixxa l-kapital li ġie ddepositat fil-Kurja, fid-19 ta' Ġunju 1883.

**LEGAT BALDACCHINO PIETRO**

Fis-7 ta' Ġunju 1926, Pietro Baldacchino ħalla s-somma ta' £18-il lira (18), sabiex tiġi ddepositata fil-Kurja ta' l-isqof, sabiex, bl-imgħax tagħha, l-Prokuratur tal-Fratellanza tas-SSmu. Rużarju tal-Gudja, jagħmel żewġ quddisiet baxxi, bir-reċita tar-Rużarju, fl-istess artal tal-Madonna tar-Rużarju. Li jifdal mill-imgħax imur a favur l-istess Fratellanza.

**Riċerka u Preżentazzjoni ta' Carmel Pace**

**LEGAT ELLUL LAZZARO**

Lazzaro Ellul, bin il-mejtin Giuseppe u Maria Dalli, b'atti ta' Nutar, tal-11 ta' Jannar 1839, ordna li, mir-renta ta' l-għalqa msejħa ta' "Hlantun", limiti ta' Ħal Safi, kull sena għandhom jinqatgħu tliet skudi u erba' tari u jitħallsu lill-Prokuratur tal-Fratellanza tas-SSmu Rużarju tal-Gudja, li minnhom għandu jingħata kull sena skud u tliet tari lill-Propoganda Fide; skud u tliet tari oħra għal tliet quddisiet baxxi fuq l-Artal tar-Rużarju tal-Gudja biex jitqaddsu fil-ġurnata anniversarja tat-testatur għar-ruħu u għal ġenituri tiegħu u ta' l-ewwel mara tiegħu u sitt tari oħra jingħataw lill-Artal tar-Rużarju.

**LEGAT FALZON AGOSTINO**

Agostino Falzon, fl-atti tan-Nutar Duminku Gatt tas-27 ta' April 1679, ħalla b'testment, fuq il-għalqa msejħa ta' "Ħarrub Rummien" limiti tal-Gudja, ħmistax (15) il-skud u sitt tari, li jġbiru lira ħames xelini u għaxar soldi (£1.5s.10d) fis-sena, biex isiru tnax (12) il-quddiesa ta' kull sena għal ruħu; u b'li jibqa', kull sentejn, tiġi ddutata għaż-żwieġ xebba li tkun tiġi l-eqreb mit-testatur. N.B. In-numru ta' quddies ġie mnaqqas għal tant quddies li jista' jsir b'5s (ħames xelini).
N.B. Fis-sena 1897, dan il-piż ġie mqassam hekk bejn:-
Carmena Bugeja tħallas £0.4s.10 10/12d.
Mikiel Deguara iħallas £0.18s.5 9.12d.
Bernarda Agius tħallas £0.2s.5 5.12d.
B'digriet ta' l-Uffiċċju tal-legati taż-żwieġ tal-15 ta' Diċembru 1915, ġie deċiż li l-Fratellanza m'għandhiex dritt ta' skud fis-sena skond ma kienet il-konswetudini; li jifdal jgħoddha għad-dota taż-żwieġ li tingħata kull sitt (6) snin.

**LEGAT FARRUGIA SINFORIANO**

Fit-18 ta' Awissu 1888, Sinforiano Farrugia, bin il-mejtin Mikiel u Fortunata, ħalla mija u tmin skudi (108) lill-Fratellanza tas-SSmu. Rużarju tal-Gudja, sabiex bl-imgħax tagħhom, il-Prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju jagħmel Quddiesa Kantata anniversarja tal-mewt tat-testatur u, dak li jifdal iżommu għal Fratellanza.

**LEGAT FENECH GRAZIA**

B'atti tan-Nutar Mikiel Claudio Debono, fit-28 ta' Settembru 1840, fit-testment tagħha, Grazia Fenech, ordnat li miċ-ċens annwali u perpetwu ta' dsatax (19) il-skud, mogħti in perpetwu, b'atti tan-Nutar Camenzuli, fl-1 ta' Mejju 1840, fuq dar fil-Gudja, u mill-imgħax tal-kapital ta' erba' mitt skud (400), għandhom isiru sitt (6) quddisiet kantati anniversarji, il-Vespri, Quddiesa kantata u s-sekondi Vespri, bix-xegħil ta' tnax (12)-il xemgħa fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju u ħames (5) quddisiet kantati bil-Ministri u Orgni fin-Novena tal-Milied. Meta jitħallsu dawna l-obbligi kollha, jingħataw, bħalma sar mill-bdiu ta' din l-fondazzjoni, ħdax-il xellin u erba' soldi (11s.4d) lill-Fratellanza tas-SSmu. Rużarju tal-Gudja.

**LEGAT GRECH CARMELA**

Is-Sinjorina Carmela Grech, xebba, bint il-mejjet Giuseppe Grech, b'testment tagħha fl-atti tan-Nutar Giuseppe Parodi tas-7 t'Awissu 1865, iffundat għal dejjem fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja, quddiesa baxxa, Vespri u Priedka fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja bl-obbligu li, waqt il-quddiesa, qabel it-tqarbin, isir Fervorin u li l-knisja tarma d-damask kollu li t-testatriċi ħalliet b'legat lill-knisja. Iffundat ukoll quddiesa kantata fin-Novena tal-Milied. Għal dawn l-obbligi kkollha ħalliet is-somma ta' għaxar (10) skudi u riedet li, biex dawn il-fondazzjonijiet jitkomplew żgur tiġi mħallsa s-somma suffiċjenti, kull sena, ta' xi bini li ħalliet.

**LEGAT ZAMMIT GRAZIA**

Dan il-Kapital £9 ġie mħolli minn Grazia Zammit fl-aħħar testment tagħha sabiex bil-frott tiegħu ssir Quddiesa kantanta fil-festa ta' l-Anġlu Kustodju jew f'ġurnata oħra skond l-arbitrarju ta' l-esekutur u dak li jibqa' imur a favur tal-Fratellanza tas-SSmu. Rużarju tal-Gudja.

**Riferenzi:**

Dokumenti fl-Arkivji tal-Fratellanza.

Cutajar
INSURANCE
SUB - AGENT

CUTAJAR
INSURANCE SUB AGENT

*Wasalt biex iġġedded l-insurance tal-Vettura ?*

*Ser tixtri karozza ġdida ?*

*Qed taħseb li tinxurja l-Propjeta' tiegħek ?*
*(Bħal dar, ħanut, garaxx, fabbrika eċċ)*

*Ser tmur vaganza barra minn Malta ?*

*Għandek bżonn servizz mid-Dipartiment tal-Liċenzji ?*

Barrani Road
Bir id-Deheb

Office : 21826681
: 21820179
Mobile : 99471631

E-Mail : cutins@digigate.net

Għall kull tip ta' Insurance !